



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.12.2025
COM(2025) 805 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Inħaffu t-tranżizzjoni tal-Ewropa għal ekonomija ċirkolari: proġett pilota biex insaħħu
ċ-ċirkolarità tal-plastik**

Inħaffu t-tranżizzjoni tal-Ewropa għal ekonomija ċirkolari: proġett pilota biex insaħħu ċ-ċirkolarità tal-plastik

1. Introduzzjoni

L-ekonomija ċirkolari **hija faċilitatur ewlieni għall-ambizzjonijiet ambjentali u klimatiċi tal-Ewropa u hi essenzjali għas-sigurtà ekonomika, ir-reżiljenza u l-kompetittività tagħha**. Kif enfasizzat fir-Rapport ta' Draghi, it-tisħiħ taċ-ċirkolarità fis-setturi ewlenin jista' jkun siewi ferm — isaħħaħ l-effiċjenza fir-riżorsi, inaqas id-dipendenza fuq l-importazzjonijiet tal-materja prima, u jsaħħaħ il-bażi industrijali tal-UE. Kull tunnellata ta' materja prima li niffrankaw, u kull prodott jew materjal li nużaw mill-ġdid jew nirriċiklaw, isaħħu r-reżiljenza ekonomika tal-Ewropa, isaħħu l-kompetittività industrijali, u jnaqqsu l-emissjonijiet u l-impatti ambjentali. L-evidenza ta' dan il-potenzjal strateġiku hi ċara: l-użu ta' soluzzjonijiet ċirkolari fis-setturi intensivi fl-enerġija, sal-2050 jista' jżid is-surplus kummerċjali tal-UE b'4 %, inaqas l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tul iċ-ċiklu tal-ħajja assoċjati mal-produzzjoni tas-setturi intensivi fl-enerġija b'ekwivalenti ta' 200 Mt CO₂ sal-2050, inaqas ferm ukoll l-emissjonijiet fis-settur tal-inċinerazzjoni, u jnaqqas b'mod sinifikanti d-domanda tagħna għall-minerali tal-metall, l-elettriku u l-fjuwils fossili⁽¹⁾. **L-ekonomija ċirkolari tirrappreżenta wkoll opportunità kummerċjali kbira għall-UE⁽²⁾**. Is-setturi tal-ekonomija ċirkolari diġà jiġġeneraw madwar EUR 316 biljun f'valur miżjud gross kull sena, jinvestu bejn wieħed u ieħor EUR 131 biljun⁽³⁾, u jimpjegaw 4.3 miljun persuna, b'potenzjal qawwi ta' tkabbir sal-2030.

Madankollu, minkejja dawn l-opportunitajiet, **il-progress għal ekonomija verament ċirkolari għadu wisq kajman**. L-UE għadha lura milli tilħaq l-ambizzjoni tagħha li tirdoppja r-rata taċ-ċirkolarità tal-Ewropa għal 24 % sal-2030: mill-2010 sal-2024, is-sehem tal-materjali riċiklati fl-ekonomija żdied biss kemxejn minn 10.7 % għal 12.2 %⁽⁴⁾. Mingħajr azzjoni aktar b'saħħitha u koordinata, l-oġettivi tal-Boxxla għall-Kompetittività, tal-Patt għal Industrija Nadifa u RESourceEU għadhom ma twettqux kompletament.

Biex jitħaffef il-progress, il-Kummissjoni se tipproponi Att għal Ekonomija Ċirkolari fl-2026 ħalli tindirizza l-ostakli strutturali, toħloq suq uniku għall-iskart u l-materja prima sekondarja, u **żżid id-domanda** għal prodotti, servizzi u soluzzjonijiet ċirkolari. Kull fluss ta' materjali jiffaċċja ostakli speċifiċi li jridu jiġu indirizzati permezz ta' miżuri mfassla apposta. Neħtieġu **azzjoni koordinata** fil-livelli lokali, nazzjonali u tal-UE biex neliminaw daww l-ostakli u nisfruttaw il-potenzjal kollu tal-ekonomija ċirkolari.

Madankollu, il-pressjonijiet fuq ċerti setturi diġà huma serji. Għalhekk, din il-komunikazzjoni tippreżenta l-ewwel proġett pilota għal Att dwar l-Ekonomija Ċirkolari, li jiffoka fuq il-miżuri fi żmien qasir bħala appoġġ għaċ-ċirkolarità fis-settur tal-plastik. Dawn il-miżuri jirrappreżentaw pass konkret għal suq aktar integrat għall-plastik, u għandhom l-għan li jiżguraw li r-riċiklaturi Ewropej ikunu jistgħu jaqdu r-rwol tagħhom

⁽¹⁾ JRC (2025). Capturing the Potential of the Circular Economy Transition in Energy-Intensive Industries. L-erba' industrij intensivi fl-enerġija studjati f'dan ir-rapport huma daww tal-azzar, tal-aluminju, tas-siment u tal-plastik. Il-valutazzjoni hi bbażata fuq l-emissjonijiet tul iċ-ċiklu tal-ħajja tal-prodotti magħmula minn dawn is-setturi, u għalhekk jinkludu l-emissjonijiet upstream u downstream mis-setturi intensivi fl-enerġija nfushom, inkluż l-emissjonijiet evitati tal-inċinerazzjoni fi tmiem il-ħajja.

⁽²⁾ Pereżempju, is-suq Ewropew tal-manifattura mill-ġdid previst li mill-valur attwali tiegħu ta' EUR 31 biljun jikber għal EUR 100 biljun sal-2030, u b'hekk jinħolqu 500,000 impjeg ġdid.

⁽³⁾ Sors: Eurostat (il-kodiċi tad-data online: [cei_cie012](#), [cei_cie011](#)).

⁽⁴⁾ Sors: Eurostat, (il-kodiċi tad-data online [cei_srm030](#)).

biex iżidu r-riċiklaġġ bil-patt ta' ċertezza regolatorja u kundizzjonijiet ekwi, u jaraw li jistimolaw l-innovazzjoni u l-investment.

L-azzjonijiet tagħna huma komplementari għall-Istrateġija riċenti tal-Kummissjoni dwar il-bijoeconomija u għal RESourceEU, li flimkien jipprovdu l-kontribut tagħhom ħalli jissaħħu ċ-ċirkolarità, ir-reżiljenza u l-kompetittività fil-ktajjen tal-valur ewlenin.

Niżguraw settur ċirkolari kompetittiv tal-plastik fl-UE

Il-plastik hu kruċjali għal ħafna setturi: dawk tal-imballaġġ, tal-kostruzzjoni, tal-elettronika, u tal-kura tas-saħħa, dak awtomobilistiku, u oħrajn. L-użu tal-plastik f'firxa wiesgħa ta' prodotti wassal mhux biss għal benefiċċji ekonomiċi iżda wkoll għal ġenerazzjoni sinifikanti ta' skart: minn madwar 58 miljun tunnellata prodott fl-UE, nofsu biss jinġabar u jiġi separat, u madwar 13 % biss jiġi riċiklat fi plastik ġdid ⁽⁵⁾. It-telf u r-rimi taż-żibel li jseħħ tul il-katina tal-valur tal-plastik, flimkien man-nuqqasijiet fil-ġestjoni tal-iskart, ikomplu jillimitaw il-potenzjal mhux sfruttat tal-plastik billi jiddevjaw il-flussi tal-materjali li kieku jinġabru, jiġu ġestiti jew ikunu riċiklati b'mod effettiv.⁴

L-ekonomija ċirkolari tirrappreżenta opportunità kbira għas-settur tal-plastik. Is-soluzzjonijiet ċirkolari jistgħu jnaqqsu l-emissjonijiet tul il-katina tal-plastik bl-użu tal-enerġija tas-settur madwar 80 Mt ta' ekwivalenti għas-CO₂, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-oġġettivi ambjentali tal-UE. Is-soluzzjonijiet ċirkolari jistgħu jtejbu wkoll il-bilanċ kummerċjali tas-settur b'EUR 18-il biljun fis-sena sal-2050⁽⁶⁾. **Il-miżuri leġiżlattivi reċenti, bħar-Regolament dwar l-imballaġġ u l-iskart mill-imballaġġ u d-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss, se jikkontribwixxu għat-tisħiħ sinifikanti tad-domanda** u jappoġġaw l-argument għall-vijabbiltà għaċ-ċirkolarità fis-settur tal-plastik fil-ġejjieni. Barra minn hekk, wara l-ftehim proviżorju, il-Kummissjoni tappella lill-koleġiżlaturi biex jiffinalizzaw malajr kemm jista' jkun il-proċess leġiżlattiv għall-adozzjoni tal-proposta għal Regolament dwar ir-rekwiżit taċ-ċirkolarità għad-disinn tal-vetturi u dwar il-ġestjoni tal-vetturi li ma għadhomx jintużaw li, b'mod partikolari, se jħaffu aktar id-domanda għall-plastik riċiklat Ewropew permezz tal-miri l-ġodda dwar l-inklużjoni tal-plastik riċiklat fil-vetturi l-ġodda.

Madankollu bħalissa l-industrija tar-riċiklaġġ tal-plastik qed tħabbat wiċċha ma' sfidi sinifikanti li jirriskjaw li jdgħajfu l-kapaċità tagħha li tinfluwenza ż-żieda mistennija fid-domanda għar-riċiklaġġ u l-plastik ċirkolari. Is-settur tar-riċiklaġġ qed iħabbat wiċċu ma' kostijiet għoljin tal-enerġija, prezzijiet baxxi u imprevedibbli għall-plastik verġni (marbutin mal-prezzijiet taż-żejt) u kompetizzjoni mill-importazzjonijiet ta' plastik irħis (spiss plastik verġni dikjarat b'mod żbaljat bħala riċiklat) imbuttata mill-kapaċità żejda f'reġjuni oħra u minn nuqqas ta' domanda għall-plastik riċiklat. Dawn il-prezzijiet irriżultaw f'inqas użu tal-kapaċità, telf finanzjarju sinifikanti u f'xi każijiet, fallimenti fost ir-riċiklaturi tal-plastik tal-UE. Filwaqt li l-kapaċità tar-riċiklaġġ tal-plastik stabbilita fl-UE laħqet it-13.2 miljun tunnellata fl-2023, wara rati ta' tkabbir ta' 17 % fl-2021 u 10 % fl-2022, it-tkabbir naqas għal 6 % fl-2023 **u mistenni jinbidel fi tnaqqis nett ta' madwar miljun tunnellata ta' kapaċità sa tmiem l-2025.** Dan hu ammont ekwivalenti għall-kapaċità tar-riċiklaġġ ta' Franza. Dan it-tnaqqis fil-kapaċità joħloq sfidi mhux biss mill-perspettiva tal-konformità ambjentali, iżda wkoll għall-kompetittività industrijali, it-tkabbir ekonomiku u ż-żamma tal-impjiegi. Dan joħloq tħassib partikolari fi żmien fejn l-UE se jkollha bżonn tipproċessa l-volum tagħha stess li qed jikber malajr

⁽⁵⁾ [JRC Publications Repository - Plastics materials flows in the EU-27 and their environmental impacts](#)

⁽⁶⁾ JRC (2025). Capturing the Potential of the Circular Economy Transition in Energy-Intensive Industries.

ta' skart tal-plastik minħabba d-dħul fis-seħħ tal-projbizzjoni fuq l-esportazzjoni tal-iskart tal-plastik tal-UE f'pajjiżi mhux tal-OECD skont ir-regoli dwar il-vjeġġi tal-iskart tal-UE.

Biex tinbidel din it-tendenza, **hemm bżonn ta' azzjoni urġenti fil-livell tal-UE u tal-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-riċiklaġġ u l-użu tal-materjali riċiklati** u jħeġġu l-innovazzjoni, inkluż fil-plastik riċiklat b'bażi bijoloġika⁽⁷⁾. F'dan il-kuntest, l-UE qed tavvanza sett ta' miżuri konkreti fuq żmien qasir biex tindirizza l-ostakli ewlenin, b'mod partikolari l-frammentazzjoni tas-suq, il-kompetizzjoni inġusta u l-bżonn estensiv li jkunu żgurati kundizzjonijiet ekwi fis-settur kollu fis-suq uniku.

Negħlbu l-frammentazzjoni tas-suq

In-nuqqas ta' regoli armonizzati u prevedibbli fl-Unjoni kollha għall-moviment liberu tal-plastik riċiklat wassal għal suq frammentat. Din il-frammentazzjoni tgħarrqet aktar bid-domanda dgħajfa għall-materjali riċiklati, motivata mit-tħassib dwar il-kwalità u s-sikurezza inkluż il-preċedenza tas-sustanzi tal-passat u min-nuqqas ta' suq uniku ġenwinament integrat għall-plastik riċiklat.

Il-miżuri ppreżentati llum se jikkontribwixxu għal **suq aktar integrat għall-plastik**.

L-ewwel nett, il-Kummissjoni tippreżenta att ta' implimentazzjoni skont id-Direttiva Qafas dwar l-iskart biex **toħloq suq uniku għall-plastik riċiklat permezz ta' kriterji għat-tmiem tal-istatus ta' skart fl-Unjoni kollha għall-plastik riċiklat mekkanikament, u b'hekk toħloq il-kundizzjonijiet għal suq uniku għall-iskart tal-plastik**. Bis-saħħa tar-regoli l-ġodda, ladarba jiġu adottati, il-plastik riċiklat mhux se jibqa' klassifikat bħala skart u se jiċċirkola aktar faċilment fis-27 Stat Membru kollha soġġett għal kriterji armonizzati applikabbli fl-Unjoni kollha. Dawn il-miżuri għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-użu tal-plastik riċiklat fil-manifattura, inaqqsu l-piż amministrattiv għar-riċiklaturi, b'mod partikolari għall-SMEs, u jappoġġaw provvista aktar stabbli ta' materjali riċiklati ta' kwalità għolja fl-Unjoni. Skont l-istimi tal-industrija, in-nuqqas ta' kriterji għat-tmiem tal-istatus ta' skart fl-Unjoni kollha għall-plastik jirriżulta f'kostijiet addizzjonali ta' madwar EUR 120 miljun fis-sena għas-settur tar-riċiklaġġ tal-plastik tal-UE jew madwar EUR 260 000 għal kull riċiklatur bħala medja.

It-tieni, għandna l-għan li **nipprovdur aktar ċertezza legali għall-investimenti fir-riċiklaġġ kimiku** fl-Unjoni Ewropea billi nipproponu għall-ewwel darba "regoli għall-allokazzjoni tal-bilanċ tal-massa". Dawn ir-regoli se jiddeterminaw is-sehem tal-outputs tar-riċiklaġġ kimiku li jistgħu jgħoddu għall-oġġettivi tal-kontenut riċiklat. Dan l-ewwel sett ta' regoli jikkonċerna l-implimentazzjoni tal-miri għall-kontenut riċiklat skont id-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss, jiġifieri kontenut riċiklat ta' 25 % fil-fliexken tal-PET sal-2025 u 30 % fil-fliexken tax-xorb kollha sal-2030. **Permezz ta' regoli armonizzati għall-kalkolu, il-verifika u r-rapportar tal-kontenut tal-plastik riċiklat kimikament skont id-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss (fliexken tal-PET)**, il-materjali riċiklati kimikament ikunu jistgħu jingħaddu mal-miri u jirrikonossu r-rwol tar-riċiklaġġ kimiku biex jikkomplementa r-riċiklaġġ mekkaniku fil-katina tal-valur tal-plastik ċirkolari. Dawn ir-regoli se jgħinu biex jiġi żblokkat l-investment: l-industrija Ewropea tal-plastik qed tippjana investimenti sa 8 biljun fir-riċiklaġġ kimiku fis-snin li ġejjin iżda appellat għal qafas regolatorju favorevoli biex jiġi żgurat li dawn jirnexxu.

(7) Skont l-Istrateġija tal-UE dwar il-bijoekonomija tal-2025.

Miżuri	Skeda ta' żmien
Stabbiliment tar-regoli għall-kontenut tal-plastik riċiklat kimikament skont id-Direttiva dwar il-plastik li jintuża darba biss (fliexken tal-PET) – jintbagħtu lill-Istati Membri għall-vot	Preżentati ma' din il-Komunikazzjoni
Tlestija tal-ħidma fuq il-kriterji għat-tmiem tal-istatus ta' skart fl-Unjoni kollha għall-plastik bit-tnedija tal-proċess ta' feedback pubbliku għall-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi kriterji għat-tmiem tal-istatus ta' skart fl-Unjoni kollha għall-plastik	Imnedija b'din il-Komunikazzjoni

Tnedija mill-ġdid tal-Alleanza għall-plastiks ċirkolari biex jiġu identifikati azzjonijiet ta' prijorità kondiviżi

L-Alleanza għall-plastiks ċirkolari (CPA, Circular Plastics Alliance), imnedija f'Diċembru 2018 skont l-Istrateġija Ewropea għall-plastiks, tlaqqa' flimkien lill-partijiet ikkonċernati ewlenin tal-industrija mill-katina tal-valur tal-plastik – dawk li jiġbru l-iskart, ir-riċiklaturi, il-produtturi primarji, il-konvertituri, is-sidien tad-ditti u l-bejjieġha bl-imnut. Skont il-wegħda li tinkiseb 10 miljun tunnellata ta' plastik riċiklat użat fi prodotti ġodda sal-2025, is-CPA mmobilizzat il-katina tal-valur tal-plastik u għamlet progress f'diversi oqsma kritiċi, inkluż billi tat il-kontribut tagħha għat-tfassil tat-talba ta' standardizzazzjoni tar-riċiklaġġ u t-titjib fil-monitoraġġ tal-flussi tal-plastik riċiklat.

Se tkun essenzjali kooperazzjoni eqreb bejn l-Alleanza, l-Istati Membri u l-Kummissjoni biex inkomplu nibnu fuq dawn ir-riżultati u nħaffu aktar iċ-ċirkolarità kompetittiva tal-plastik tal-UE filwaqt li niffaċċjaw sfidi ġodda.

Għalhekk, il-Kummissjoni **se tniedi mill-ġdid u ssaħħaħ l-Alleanza għall-Plastiks Ċirkolari** biex flimkien mal-partijiet ikkonċernati tal-industrija u mal-Istati Membri tidentifika, tiddiskuti u tindirizza b'mod konġunt l-isfidi ewlenin li qed iħabbat wiċċu magħhom is-settur Ewropew tal-plastik. L-Alleanza mġedda se sservi ta' pjattaforma robusta biex tindirizza l-kriżi bla preċedent fis-settur.

Għal dan l-għan, il-Kummissjoni se tipproponi pjan ta' ħidma konġunt għall-Alleanza għall-2026, li jiffoka fuq sett ta' riżultati urġenti. B'mod partikolari, il-ħidma tas-CPA se tappoġġa l-istrutturar u l-prijoritizzazzjoni tal-flussi ta' ħidma ppreżentati fit-taqsima li ġejja ta' din il-Komunikazzjoni. Dan se jinkludi analiżi mmexxija mill-industrija tas-sitwazzjoni attwali tal-industrija tal-plastik fl-UE biex jiġu identifikati l-isfidi ewlenin li jridu jiġu indirizzati, bl-appoġġ tal-Kummissjoni u f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni⁽⁸⁾. Fost l-oħrajn, l-analiżi se tenfasizza l-identifikazzjoni tal-oqsma ta' prijorità għall-investigazzjonijiet kummerċjali futuri potenzjali meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet meħtieġa. Riżultati oħra li jridu jiġu proposti lill-Alleanza se jipprovdu bażi għall-prijoritizzazzjoni tal-attivitajiet ta' sorveljanza tas-suq jew l-istimolu tad-domanda tas-suq u l-iżvilupp ta' kodiċijiet doganali għall-polimeri riċiklati.

⁽⁸⁾ <https://ec.europa.eu/docsroom/documents/44544>

Biex tibda, il-Kummissjoni se torganizza **djalogu ta' livell għoli dwar iċ-ċirkolarità kompetittiva tal-plastik** biex twitti t-triq għall-ħidma futura tal-Alleanza għall-Plastiks Ċirkolari.

Miżuri	Skeda ta' żmien
Tnedija mill-ġdid tal-Alleanza għall-Plastiks Ċirkolari, qbil dwar programm ta' ħidma għall-2026 u organizzazzjoni ta' djalogu ta' livell għoli dwar iċ-ċirkolarità tal-plastik li jnvolvi lill-Istati Membri	Q1 2026

Suq aktar ġust

Il-miri legalment vinkolanti eżistenti għall-kontenut tal-plastik riċiklat tal-prodotti fl-UE, mill-fliexken tal-plastik li jintużaw darba biss għall-imballaġġ, jiżguraw aktar ċirkolarità u b'hekk qed jgħolqu inċentivi b'saħħithom għall-investimenti fil-katina tal-valur tal-plastik u jikkontribwixxu għal protezzjoni ambjentali aħjar. Dawn jgħolqu **argument għall-vijabbiltà** għall-plastik riċiklat prodott fl-UE. Madankollu, l-esperjenza wriet li sforzi aktar bikrija biex jinħolqu suq għall-plastik riċiklat fl-UE ħeġġew ukoll l-importazzjoni ta' materja prima u prodotti lesti. Ir-riċiklaturi tal-plastik ibbażati fl-UE jirrapportaw li anki l-plastik verġni qed jinbiegħ bħala “riċiklat” biex jibbenefika mill-effett ta' attrazzjoni tal-miri tal-UE u spiss ikun bi prezzijiet orħos mill-ekwivalenti prodotti fl-UE. Għalhekk hemm ħtieġa urġenti li jiġu żgurati **kundizzjonijiet ekwi** u li jiġi evitat li r-riċiklaturi u l-produtturi tal-UE jiddgħajfu minħabba kompetizzjoni kummerċjali inġusta.

Il-Kummissjoni impenjata bis-siġħ li tipproteġi l-industrija tal-plastik minn kompetizzjoni inġusta u dannuża fl-importazzjoni. Il-Kummissjoni twettaq investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ li fihom tirċievi evidenza minn kwalunkwe industrija tal-UE affettwata dwar id-danni mġarrba minn importazzjonijiet sussidjati u/jew oġġetti ta' dumping. S'issa, il-Kummissjoni diġà imponiet sitt miżuri għad-difiża tal-kummerċ fuq il-prodotti relatati mal-industrija tal-plastik. Speċifikament dwar il-PET, għandna fis-seħħ miżuri anti-dumping kontra ċ-Ċina, u dazji kompensatorji fuq l-Indja, u t-tnejn li huma jkopru kemm il-PET riċiklat kif ukoll dak verġni. Bħalissa għaddejjin aktar investigazzjonijiet li jkopru firxa wiesgħa ta' prodotti relatati mal-plastik.

Barra minn hekk, **il-Kummissjoni se timmonitorja l-importazzjonijiet tal-plastik kemm taħt it-Task Force għas-Sorveljanza tal-Importazzjonijiet** li nħolqot m'ilux kif ukoll permezz tas-sistema ta' monitoraġġ iddedikata introdotta f'Marzu 2025 għal ċerti sustanzi kimiċi industrijali. Il-Kummissjoni qed tappella lill-produtturi u lill-assoċjazzjonijiet tal-UE biex jirrieżaminaw ir-riżultati u jipprovdu aktar informazzjoni dwar is-suq u data dwar is-sitwazzjoni ekonomika li qed tiffaċċja l-industrija li se jgħinu lill-Kummissjoni biex tintroduċi miżuri protettivi fejn xieraq, b'mod partikolari bl-appoġġ tal-Alleanza għall-Plastiks Ċirkolari. Il-Kummissjoni lesta li tibda investigazzjonijiet għad-difiża tal-kummerċ abbażi ta' talbiet sostanzjati sew meta jiġu identifikati żidiet fl-importazzjonijiet dannużi.

Il-Kummissjoni se tieħu wkoll **miżuri biex tgħin fl-applikazzjoni uniformi u tappoġġa l-infurzar mill-awtoritajiet doganali u daww tas-sorveljanza tas-suq nazzjonali** ħalli jkun hemm kundizzjonijiet ekwi bejn il-plastik magħmul fl-UE u dak importat. Il-**kodiċijiet doganali** attwali ma jagħmlux differenza bejn il-plastik verġni u l-prodotti riċiklati, u mhumiex dettaljati biżżejjed biex jimmonitorjaw kif support l-importazzjonijiet tal-materjali, tal-oġġetti u tal-iskart tal-plastik. Dan ifixkel b'mod sinifikanti l-kapaċità tal-

awtoritajiet u tal-operaturi tas-suq li jiddistingwu bejn l-importazzjonijiet tal-materjali riċiklati u dawk tal-plastik verġni.

Għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, li jinkludu segmenti ewlenin tas-suq għall-plastik riċiklat bħall-fliexken PET, l-emenda li jmiss tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel, beħsiebha tintroduċi rekwiżiti aktar stretti rigward id-dokumentazzjoni ta' konformità għall-plastik riċiklat importat fl-UE, li ladarba adottata, tipprovdi bażi għall-ħolqien ta' kodiċijiet doganali speċifiċi għall-materjali riċiklati ħalli jiffaċilitaw il-kontrolli tal-importazzjonijiet. Din l-emenda se tipprovdi ċertezza legali għar-riċiklaturi u l-produtturi ta' materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel u toħloq kundizzjonijiet ekwi għall-materjali prodotti domestikament u importati.

Il-Kummissjoni se taħdem ukoll biex toħloq kodiċijiet doganali separati għall-polimeri riċiklati rilevanti għal setturi oħra. Dan se jtejjeb il-monitoraġġ ta' tali materjali li jidhru fl-Unjoni u se jappoġġaw lill-awtoritajiet doganali fil-verifika tal-konformità mar-regoli tal-UE għar-rilaxx tagħhom fiċ-ċirkolazzjoni libera. **Azzjonijiet addizzjonali se jappoġġaw l-infurzar prattiku tar-regoli tal-UE għall-importazzjonijiet tal-plastik, bħala parti mill-mekkaniżmu ta' kontroll tal-importazzjonijiet.** L-introduzzjoni ta' rekwiżiti aktar stretti rigward id-dokumentazzjoni ta' konformità fir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2022/1616 dwar materjali u oġġetti tal-plastik riċiklat maħsuba biex jiġu f'kuntatt ma' oġġetti tal-ikel se jiżguraw aktar l-istess livell ta' konformità tal-plastik riċiklat għall-kuntatti mal-ikel importati lejn l-UE jew prodotti fl-UE u joħolqu kundizzjonijiet ekwi fir-rigward tal-materjal importati. **Il-Kummissjoni se twettaq awditi dwar l-infurzar tal-installazzjonijiet tar-riċiklaġġ li joperaw barra mill-UE** u jappoġġaw il-laboratorji ta' kontroll fl-użu ta' metodi analitiċi ġodda biex tivverifika jekk il-kunsinni ddikjarati bħala PET riċiklat humiex tabilħaqq riċiklati mill-iskart tal-plastik⁽⁹⁾. Se tintuża għodda TAIEX-EIR PEER 2 PEER biex jiħarrġu l-laboratorji ta' kontroll doganali kompetenti.

Dawn il-miżuri għall-importazzjonijiet se jikkomplementaw ir-reġim il-ġdid li se jibda japplika fl-2026 għall-esportazzjonijiet tal-iskart tal-plastik. Minn Novembru 2026, se jiġu pprojbti l-esportazzjonijiet tal-iskart tal-plastik lejn il-pajjiżi mhux tal-OECD sabiex tiġi evitata l-esportazzjoni tat-tniġġis mill-plastik f'pajjiżi li għandhom aktar probabbiltà li jħabbtu wiċċhom ma' riskji ambjentali u għas-saħħa tal-bniedem relatati mal-ġestjoni tal-iskart. Fl-istess waqt, il-Kummissjoni se timmonitorja l-esportazzjonijiet tal-iskart tal-plastik lejn pajjiżi tal-OECD u skont ir-Regolament dwar vjeġġi ta' skart, sat-tieni trimestru tal-2026 se tivvaluta jekk it-tali skart huwiex ġestit b'mod sostenibbli, b'mod partikolari għall-pajjiżi tal-OECD li jimportaw volumi sinifikanti ta' skart tal-plastik mill-Unjoni.

Miżuri	Skeda ta' żmien
Emenda tar-Regolament (UE) 2022/1616 dwar il-plastik riċiklat għall-kuntatt mal-ikel.	Q2 2026

⁽⁹⁾ Pereżempju, iċ-Ċentru Tekniku Nazzjonali għall-Industriji tal-Plastik u tal-Materjali Kompożiti, inkarigat u ffinanzjat mill-Ministeru Franċiż tal-Ekonomija, żviluppa protokoll biex issir distinzjoni bejn il-PET verġni u dak riċiklat (DISTINGO); għotja LIFE tista' tintalab mill-partijiet ikkonċernati jew minn konsorzju ta' laboratorji biex jiġu introdotti tali protokolli għal-laboratorji doganali tal-UE u jiġu żviluppati tali analitiċi għal polimeri oħra.

Tnedija tat-talba biex jinħolqu kodiċijiet doganali separati abbażi tal-emenda tar-Regolament (UE) 2022/1616 u l-ħidma biex jinħolqu kodiċijiet doganali separati addizzjonali għal polimeri riċiklati oħra.	Q2 2026
Twettiq ta' awditi ddedikati għall-materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel inkluż il-PET	2026
Appoġġ lil-laboratorji ta' kontroll u organizzazzjoni ta' seminar TAIEX biex l-awtoritajiet nazzjonali tas-suq ikunu jistgħu jwettqu l-funzjoni ta' kontroll tagħhom	Q1 2026
Valutazzjoni biex tiġi ddeterminata l-ħtieġa għal miżuri addizzjonali ħalli jiġu żgurati kundizzjonijiet ekwi għall-katina tal-valur tal-plastik tal-UE	Tul l-2026

2. Inħeġġu l-investment u l-innovazzjoni

L-investment hu kruċjali biex titħaffef l-ekonomija ċirkolari. Il-Kummissjoni flimkien mal-Bank Ewropew tal-Investment tistma li **d-diskrepanza annwali fl-UE għall-ekonomija ċirkolari hi EUR 82 biljun.** Bħalissa, madwar 7 % tal-finanzjament għall-ekonomija ċirkolari ġej mis-settur pubbliku. Filwaqt li l-qafas finanzjarju pluriennali propost jipprovi għodod importanti biex jithegħu l-investimenti, inkluż skont il-Pjanijiet ta' sħubija nazzjonali u reġjonali, il-biċċa l-kbira tal-finanzjament se jkollu jiġi minn sorsi privati. Għal dan l-għan, jeħtieġ li jintużaw l-għodod kollha biex jiġi ingranat l-investment privat, inkluż meta meħtieġ, inċentivi jew komplementi għall-fondi pubbliċi. Il-ktajjen tal-valur ewlenin li jeħtieġu investment addizzjonali sinifikanti meta mqabbla mal-livelli attwali huma l-kostruzzjoni (EUR 18-il biljun fis-sena), il-vetturi u l-batteriji (EUR 10 biljun fis-sena), l-elettronika u l-ICT (EUR 5 biljun fis-sena) u t-tessuti (EUR 5 biljun fis-sena).

Il-Kummissjoni se **tiżviluppa proġett pilota taħt l-Għodda għall-koordinazzjoni tal-kompetittività ffukat fuq iċ-Ċentri ta' ċirkolarità transreġjonali** biex thegħegħ l-investment, l-innovazzjoni u ċ-ċirkolarità. Skont il-Patt għal Industrija Nadifa, il-proġett pilota għandu l-għan li jsaħħaħ il-kompetittività u r-reżiljenza tal-UE filwaqt li jappoġġa l-oġġettivi ambjentali. Dan se jisfrutta s-sinerġiji u l-ekonomiji ta' skala fir-riċiklaġġ u f'teknoloġiji u prattiki ċirkolari oħra, filwaqt li jsaħħaħ l-argument għall-vijabbiltà għaċ-ċirkolarità billi jlaqqa' flimkien lill-manifatturi, lir-riċiklaturi u lill-operaturi tal-iskart fil-ktajjen tal-valur strateġiċi kollha. Billi jiżgura d-disponibbiltà tal-provvista tal-materja prima sekondarja fl-UE, il-proġett pilota se jappoġġa l-industriji downstream strateġiċi, inaqas id-dipendenzi fuq il-pajjiżi terzi u jikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-UE. L-implimentazzjoni se tgħaqqad il-miżuri regolatorji ma' investimenti fil-kapaċità industrijali li l-Istati Membri individwali jaf ikollhom diffikultà biex iwettquhom waħedhom. Azzjoni koordinata hi essenzjali biex tiġi pprovduta l-fiduċja tal-investituri u tissaħħaħ il-kompetittività tal-UE fl-avvanzar tal-ekonomija ċirkolari, inkluż fis-setturi li jiddependu fuq infrastruttura fuq skala kbira u sinjali tas-suq stabbli fis-suq. Il-proġett pilota se jibbaża fuq is-sħubijiet industrijali u interreġjonali eżistenti⁽¹⁰⁾, jimmobilizza l-finanzjament pubbliku u privat u jibni fuq il-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE. Hu mfassal ukoll biex jikkomplementa l-Att dwar l-Ekonomija ċirkolari li jmiss ladarba jiġi adottat.

⁽¹⁰⁾ Ara pereżempju l-[Pjattaformi tematiċi ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti għall-Modernizzazzjoni industrijali](#) dwar is-[Sustanzi kimiċi](#) jew il-[Manifattura effiċjenti u sostenibbli](#).

L-Inizjattiva Konġunta dwar l-Ekonomija Ċirkolari (JICE, Joint Initiative on Circular Economy) imnedija mill-Bank Ewropew tal-Investment u diversi banek promozzjonali nazzjonali⁽¹¹⁾ fl-2019, ħaffet il-finanzjament ta' proġetti tal-ekonomija ċirkolari billi investiet aktar minn EUR 16-il biljun bejn l-2019 u l-2024. Filwaqt li tibbaża fuq dan is-suċċess u fid-dawl tal-isforzi li se se jsiru dalwaqt meħtieġa biex tiġi avvanzata t-tranżizzjoni ċirkolari tal-Unjoni, il-Kummissjoni se tikkooopera mal-Bank Ewropew tal-Investment u membri oħra tal-JICE biex tippromwovi l-approċċ ta' Tim Ewropa biex titħaffet aktar it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari. Barra minn hekk, kif espress fit-tieni fażi tal-Pjan direzzjonali tal-Bank klimatiku tal-Grupp tal-BEI (2026-2030), il-BEI se jsaħħaħ l-impenn tiegħu għall-ekonomija ċirkolari billi jintroduċi orjentazzjoni ddedikata tal-ekonomija ċirkolari fl-2026. B'mod aktar ġenerali, il-Grupp tal-BEI se jżid l-appoġġ tiegħu għall-ekonomija ċirkolari bħala l-forza ewlenija tal-effiċjenza, tas-sigurtà u tat-tħabbir, u element prinċipali tal-politika industrijali u agrikola tal-Ewropa.

Żieda fl-investment fil-livell nazzjonali u reġjonali hi wkoll kruċjali biex titnaqqas id-diskrepanza fl-investment. Il-**Kummissjoni tappella lill-Istati Membri biex jużaw il-possibilitajiet eżistenti offriti kollha**, inkluż mill-Qafas għall-ġajjnuna mill-istat tal-Patt għal Industrija Nadifa, il-Linji gwida dwar l-ġajjnuna mill-istat għall-klima, il-protezzjoni ambjentali u l-enerġija, u r-Regolament ġenerali tal-UE dwar l-eżenzjoni ta' kategorija. Il-Qafas il-ġdid għall-miżuri ta' ġajjnuna mill-istat biex jiġi appoġġat il-Patt għal Industrija Nadifa jipprovdi possibilitajiet lill-Istati Membri ħalli jkomplu jinċentivaw l-investimenti privati billi jneħħu r-riskji tal-portafolli ta' proġetti relatati mal-oġġettivi tal-Patt għal Industrija Nadifa, inkluż il-proġetti tal-ekonomija ċirkolari.

Biex **tidentifika aħjar id-diskrepanzi fl-investimenti u l-opportunitajiet tal-investimenti**, il-Kummissjoni se tniedi studju bl-għan li tiżviluppa indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji mmirati li juru kif it-tranżizzjoni ċirkolari tikkontribwixxi għat-tkabbir u l-kompetittività tal-UE. Din il-ħidma se tkun allinjata mal-iżviluppi li għaddejjin fil-kontabbiltà ambjentali-ekonomika, b'mod partikolari l-integrazzjoni tal-metriċi tal-ekonomija ċirkolari fis-Sistema ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali (SEEA, System of Environmental-Economic Accounting). Ir-riżultati ta' din il-ħidma se jinfurmaw l-isforzi ta' monitoraġġ tal-Kummissjoni u se jlaqqgħu flimkien lis-sħab u lill-fornituri rilevanti kollha tad-data tal-UE u dik internazzjonali, inkluż l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, il-Bank Ewropew tal-Investment, u l-OECD, flimkien mal-industrija, id-dinja akkademika u s-soċjetà ċivili.

Permezz ta' **Orizzont Ewropa**, il-Kummissjoni tappoġġa r-riċerka u l-innovazzjoni biex tavvanza ċ-ċirkolarità tal-plastik. Bejn l-2021 u l-2024, ġew iddedikati EUR 115 miljun biex titjieb iċ-ċirkolarità tal-plastik, jitwettqu soluzzjonijiet innovattivi bħall-imballaġġ tal-plastik tal-ikel ċirkolari ġdid, jitneħħew is-sustanzi perikolużi mill-iskart tal-plastik ta' wara l-użu mill-konsumatur, u plastik ġdid b'bażi bijoloġika għal applikazzjonijiet differenti. L-innovazzjoni hi stimulata fil-biċċa l-kbira tal-ktajjen tal-valur ewlenin tas-setturi tal-plastik, jiġifieri l-imballaġġ, il-prodotti għall-kostruzzjoni u t-trasport. L-aktar soluzzjonijiet promettenti se jħaffu t-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u jibbenefikaw minn sinerġiji aktar b'saħħithom kemm mal-finanzjament pubbliku u privat biex jappoġġaw it-tkabbir tagħhom. Minbarra dawn l-inizjattivi tar-R&I, il-**Fond għall-Innovazzjoni** se jkompli jappoġġa l-użu fis-suq ta' soluzzjonijiet innovattivi ħafna. Il-

⁽¹¹⁾ Attwalment tinkludi: Bank Gospodarstwa Krajowego (BGK — il-Polonja), Caisse des Dépôts Group (CDC — Franza), including Bpifrance, il-bank nazzjonali tal-investment Franċiż, Cassa Depositi e Prestiti (CDP — l-Italja), Instituto de Crédito Oficial (ICO — Spanja), KfW (il-Ġermanja) u InvestNL (in-Netherlands).

proġetti relatati mal-plastik s'issa ngħataw madwar EUR 300 miljun permezz tas-sejħiet għal proposti rilevanti, li tejbu ċ-ċirkolarità tal-prodotti tal-plastik b'mod sinifikanti.

Fl-aħħar nett, il-proposta għal Regolament dwar **it-tħaffif u s-simplifikazzjoni tal-valutazzjonijiet ambjentali**⁽¹²⁾, adottat dan ix-xahar, se tarmonizza, tissimplifika u tħaffef il-proċeduri għall-ġoti tal-permessi għal firxa ta' setturi strateġiċi, inkluż proġetti relatati mal-prevenzjoni tal-iskart, il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid, it-tnejja għall-użu mill-ġdid, u r-riċiklaġġ. Din ir-riforma se ttejjeb il-prevedibbiltà regolatorja u b'hekk tiffaċilita l-investiment f'infrastruttura tar-riċiklaġġ u ċ-ċirkolarità ta' kwalità għolja.

Dawn il-miżuri jikkomplementaw l-investiment addizzjonali u l-appoġġ għall-innovazzjoni li jirriżultaw mit-tieqa għat-tranżizzjoni nadifa u d-dekarbonizzazzjoni taħt il-**Fond Ewropew għall-Kompetittività** futur, inkluż l-ekonomija ċirkolari, u inizjattivi ta' investiment addizzjonali bħall-azzjoni l-ġdid tal-**Pjattaforma taż-Żona Ewropea tar-Riċerka**⁽¹³⁾.

Miżuri	Skeda ta' żmien
Żvilupp ta' proġett pilota taħt l-Għodda ta' koordinazzjoni tal-kompetittività ffukat fuq iċ-Ċentri ta' ċirkolarità transreġjonali.	Q1 2026
Tnedija ta' studju biex jiġu indirizzati indikaturi makroekonomiċi u makrofinanzjarji mmirati biex jintwera l-kontribut tal-ekonomija ċirkolari għat-tkabbir u l-kompetittività tal-UE	Q1 2026

3. Il-mument taċ-ċirkolarità tal-Ewropa

Il-pakkett tal-lum huwa pass kruċjali f'dik id-direzzjoni u jibbaża fuq il-legat importanti tal-azzjonijiet eżistenti tal-UE li jappoġġaw iċ-ċirkolarità tal-plastik. Jirrappreżenta l-ewwel sett ta' inizjattivi li jsaħħa l-inizjattivi tal-ekonomija ċirkolari li jridu jiġu introdotti fl-2025 u fl-2026.

L-Att dwar l-Ekonomija ċirkolari se joħloq is-suq uniku għall-iskart u l-materja prima sekondarja, jindirizza l-ostakli eżistenti, iżid il-**provvista** tal-materjali riċiklati Ewropej ta' kwalità, u jstimula d-**domanda** għal materjali sekondarja u prodotti ċirkolari. B'mod kruċjali, dawn l-isforzi se jissaħħu bil-politiki eżistenti, inkluż l-implimentazzjoni li għaddejja tar-**Regolament tal-UE dwar l-Ekodisinn** u tar-**Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli u l-ewwel pjan ta' ħidma tiegħu**. Appoġġati mill-**Passaporti Diġitali tal-Prodotti**, dawn il-miżuri se jsaħħu t-trasparenza, inaqqsu d-dipendenzi fuq il-materja prima importata u jgħinu lill-kumpaniji Ewropej jespandu l-mudelli kummerċjali ċirkolari f'suq uniku armonizzat.

It-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari hi indispensabbli għas-sigurtà ekonomika, il-kompetittività, ir-reżiljenza u d-dekarbonizzazzjoni tal-UE. **L-Ewropa issa għandha opportunità unika biex tmexxi t-tranżizzjoni ċirkolari globali.**

⁽¹²⁾ Ara [6f650a70-c4f5-4c79-a8dc-6efaff290494_en](https://european-research-area.ec.europa.eu/era-actions-2025-2027)

⁽¹³⁾ <https://european-research-area.ec.europa.eu/era-actions-2025-2027>